**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 3 ta` Novembru 2015**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru 1573/2015 JZM fl-ismijiet :**

**Unjoni Haddiema Maghqudin, u b`digriet moghti fid-19 ta` Ottubru 2015 il-kelma "Unjoni" fl-isem tar-rikorrenti giet taqra "Union"**

***kontra***

**Direttur tax-Xoghol Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u b`digriet moghti fid-19 ta` Ottubru 2015 l-isem tal-intimat gie jaqra "Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u Registratur tat-Trade Unions"**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fis-6 ta` Ottubru 2015.

Fis-6 ta` Ottubru 2015, din il-Qorti tat digriet fejn, wara li rat ir-rikors, ordnat in-notifika lill-intimati, tathom zmien ghaxart (10) ijiem sabiex jipprezentaw risposta bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 19 ta` Ottubru 2015 fid-9.30 a.m.

L-intimati kien notifikati fis-6 ta` Ottubru 2015 u kienet prezentata risposta bil-miktub fl-14 ta` Ottubru 2015.

Ir-rikors kien trattat fis-seduta tad-19 ta` Mejju 2015. Fil-kors tas-seduta, il-Qorti semghet ix-xiehda ta` Josef Vella u tal-Av. Robert Abela. Wara li kien konkluz is-smigh, ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Wara li l-Qorti rat l-atti tal-procediment fl-assjem taghhom, qeghda taghti dan il-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti **talbet** lill-Qorti biex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex ma jkomplix il-process ghall-ezercizzju tal-verifikazzjoni sabiex jigi stabbilit liema union ghandha l-maggoranza fi hdan il-MEPA.

## III. L-ilment tar-rikorrenti

L-ilment tar-rikorrenti huwa migbura fil-premessi tar-rikors promotur.

Tghid illi huwa fatt maghruf illi qeghdin jigu diskussi fi stadju avvanzat ligijiet intizi sabiex l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ("MEPA") tinqasam fi tnejn u cioe` Awtorita` li tirregola l-Ambjent u Awtorita` li tirregola l-Ippjanar.

Tghid illi kemm–il darba jsir l-esercizzju ta` verifikazzjoni u mmedjatament

wara l-haddiema jinqasmu fis-sezzjonijiet il-godda b`mod illi tinholoq sitwazzjoni possibbli fejn hadd mill-haddiema fis-sezzjonijiet il-godda ma jkun membru fil-union rikonoxxjuta.

Tghid illi kemm–il darba tinholoq din is-sitwazzjoni, u wara ssir il-qasma tal-MEPA, il-prassi hija li jkollu jghaddi terminu ta` sena sabiex tkun tista` ssir verifikazzjoni mill-gdid.

Tghid illi waqt li tkun ghaddejja s-sena, jista` jintilef id-dritt tal-haddiema rapprezentati mir-rikorrenti li hija l-union rikonoxxjuta fil-prezent milli jkollhom il-union tal-fiducja taghhom li tinnegozja b`mod kollettiv f`isimhom.

Tghid illi l-verifikazzjoni li ntalbet hija manuvra sabiex taht pressjoni tigi maghzula union li tagevola s-sitwazzjoni attwali fuq il-post tax-xoghol.

## IV. Il-provi tar-rikorrenti

In sostenn tal-pretensjoni taghha, ir-rikorrenti ressqet bhala xhud taghha lil Josef Vella li huwa s-Segretarju Generali tal-Union Haddiema Maghqudin.

**Fil-qosor**, Josef Vella xehed illi fil-prezent ir-rikorrenti tinsab mal-mejda tan-negozjati sabiex tkun taf x`se jsir mill-kondizzjonijiet tal-impieg li l-membri taghha - li huma mpjegati l-MEPA - meta din l-Awtorita` tinqasam fi tnejn. It-thassib tar-rikorrenti huwa li l-hidma taghha matul dawn l-ahhar tletin (30) sena fi hdan l-Awtorita` jisfaxxja fix-xejn. Il-UHM tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema amministrattivi u teknici tal-MEPA Isostni li impjegati tal-MEPA li huma membri tal-UTAC u li huma qrib tat-tmexxija prezenti tal-MEPA qeghdin jirsistu sabiex jippregudikaw il-posizzjoni tar-rikorrenti. Ighid li dan l-ahhar dahlu jahdmu fil-MEPA ufficjali tas-sigurta` li sejrin jigu registrati fil-kotba tal-MEPA bhala haddiema taghha. L-ghadd ta` dawn il-persuni certament se jkun ta` pregudizzju ghall-fini tal-kontegg tal-membri tal-UHM. Ighid li fl-istadju kritiku tan-negozjati ta` x`ser jigri wara li l-MEPA tinqasam fi tnejn, il-UTAC m`ghandhiex tfixkel u tindahal sabiex tiehu warajha l-maggoranza ta` l-haddiema ghaliex xorta wahda l-UHM hija f`qaghda li tiehu hsieb l-interess ta` kull haddiema anke ta` dawk li mhumiex membri taghha. Ir-rikorrenti tibza` li jekk il-MEPA tinqasam minghajr mar-rikorrenti tkun involuta fil-process ta` ristrutturar tispicca barra mill-mejda tan-negozjar ta` ftehim kollettiv ghaliex ma tkunx tirrapprezenta l-maggoranza. Ghalhekk il-process ta` verifikazzjoni m`ghandux isir f`dan l-istadju

kritiku tan-negozjati.

## V. **Id-difiza tal-intimati**

Fuq il-pjan fattwali, l-intimati jikkontestaw il-posizzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi l-principal ghandu l-obbligu li jaghti rikonoxximent negozjali lil dik il-union li tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema. Ikun hemm kazi meta l-intimati jintalbu mill-principal sabiex jaghmel process ta` verifika sabiex jistabiixxi liema union ghandha warajha l-maggoranza tal-haddiema, membri taghha. Riferibbilment ghall-kaz taht ezami, saret talba mill-MEPA fil-vesti taghha ta` principal sabiex issir verifika mill-intimati ta` talba mill-UTAC ghall-fini li din il-union tirrikonoxxi l-maggoranza tal-haddiema teknici u klerikali tal-MEPA. Il-process ta` verifika kien inizjat u ma setax ikompli minhabba li t-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet milqugha provvizorjament.

## VI. **Il-provi tal-intimati**

In sostenn tal-pretensjoni taghhom, l-intimati ressqu bhala xhud taghhom lill-Av. Dr. Robert Abela, konsulent legali tal-MEPA.

**Fil-qosor**, l-Av. Abela xehed illi ghalkemm kien hemm zmien fejn is-sigurta` kienet tigi prestata fil-MEPA mill-privat, ittiehdet decizjoni mill-Awtorita` li l-persuni tas-sigurta` jigu ngaggjati mill-MEPA. Il-persuni huma zghir hafna fil-ghadd ; tghoddhom fuq id wahda (kliem ix-xhud). Ighid li l-process ta` verifika jsir b`mod regolari ; ma hemmx l-ebda terminu meta dan ghandu jsir. Il-prerogattiva hija tal-principal. Dak li jgieghel principal sabiex jitlob li ssir il-verifika tkun it-talba ta` union li tikkontendi li ghandha maggoranza ta` haddiema membri taghha. Isostni li l-process li permezz tieghu l-MEPA sejra tinqasam fi tnejn sejjer jiehu minimament sal-2016. L-assett legislattiv li permezz tieghu tinqasam fi tnejn mhux se jkun semplici.

Permezz ta` nota tad-19 ta` Ottubru 2015, ix-xhud ipprezenta dokumenti in sostenn tad-deposizzjoni tieghu.

## VII. **L-Art 873 tal-Kap 12**

**Skond is-subinciz (1)** :–

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**Skond is-subinciz (2)** :–

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mela **in linea generali**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **mehtieg** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ;

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*...* ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali. Izda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3**)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, jirrizulta li saret id-dikjarazzjoni fil-miftuh prevista mill-Art 873(3) tal-Kap 12.

Fil-kuntest tat-**tielet element** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

## VII. Konsiderazzjonijiet

**L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.**

**Ghalhekk li sejra taghmel il-Qorti huwa li tistharreg jekk jirrizultax il-jedd *prima facie.* Jekk dan il-jedd jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis ir-rekwiziti l-ohra ; jekk dak ir-rekwizit ma jirrizultax, allura ma jkunx hemm htiega li tqis l-elementi l-ohra.**

**Il-Qorti tistqarr minghajr l-icken esitazzjoni illi fil-kaz tal-lum irrizulta li l-istanza tar-rikorrenti tidher li hija fondata fuq spekulazzjoni, b`mod u manjiera illi lanqas bix-xiehda ta` Josef Vella ma rnexxielha r-rikorrenti tasal sal-istadju tal-prova *prima facie.***

Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li tistharreg il-wegghat li jista` jkollha parti fi procediment.

Il-kompitu tal-Qorti - imbaghad fi procediment straordinarju bhal ma hija talba ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni – huwa li toqghod fuq il-fatti u tistharreg jekk dawk il-fatti humiex bizzejjed sabiex jiggustifikaw ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat.

Fil-kaz tal-lum il-Qorti tghid illi r-risultanzi ma jwasslux sal-prova fil-livell ta` *prima facie.* Mhumiex is-suspetti li jsostnu pretensjoni izda fatti ppruvati.

Mhuwiex ippruvat imqar sal-grad tal-*prima facie* illi t-talba mill-MEPA sabiex ir-Registratur tat-Trade Unions jaghmel verifika tal-ghadd ta` impjegati taghha msiehba fi trade union sar kwazi kwazi b`malizzja sabiex jaghmel hsara jew sabiex jippregudika lill-union rikorrenti.

Fuq dan l-aspett, ix-xiehda ta` Josef Vellama twassal ghal imkien.

In linea generali, meta qorti tigi biex taghti gudizzju, ma tistax toqghod fuq spekulazzjoni ; *multo magis* fi procedura ta` x-xorta ta` dik tal-lum li ghandha binarji stretti li jirregolawha.

Anke jekk b`li jidher li jkun qed jigri fil-qasam tax-xoghol jista` jaghti lok ghal thassib minn parti interessata, dak it-thassib ma jfissirx hemm gustifikazzjoni sabiex dik il-persuna titlob il-hrug ta` l-Mandat.

Riferibbilment ghall-kaz tal-um, fil-keffa tal-mizien taghha, din il-Qorti m`ghandha propju l-ebda prova li twassalha biex tikkonkludi li l-process ta` verifika li riedet taghmel il-MEPA kien orkestratat b`mod sabiex bih ir-rikorrenti tispicca titlef is-setgha li titkellem mal-MEPA ghall-maggoranza tal-haddiema, mhux biss issa, izda anke jekk xi darba l-MEPA ma tibqax wahda izda tinqasam go zewg awtoritajiet distinti.

**Jibqa` l-fatt inkontestat li process ta` verifika ta` n-numru ta` impjegati ta` azjenda li jkunu membri ta` unions ghall-fini ta` eventwali negozjar ta` ftehim kollettiv jew materji relatati mal-harsien tar-relazzjonijiet industrijali huwa prerogattiva li principal ghandu kull jedd jitlob mill-intimati jew min minnhom bhala regolatur minghajr limitu jew restrizzjoni ta` zmien.**

Fil-kaz tal-lum hekk sar.

U jirrizulta li l-process li kien diga` inizjat twaqqaf bhala konsegwenza ta` dan il-procediment.

Mill-provi li gabet ir-rikorrenti, ma hemm propju xejn li ghandu jzomm lil din il-Qorti milli tordna t-tkomplija tal-process ta` verifika.

Aktar milli ggib ghall-konjizzjoni tal-Qorti l-biza` settorali u sindakali taghha, ir-rikorrenti kien messha gabet prova sal-grad tal-*prima facie* sabiex issostni l-fondatezza tas-suspetti taghha ta` allegat pregudizzju ntenzjonat. F`dan l-aspett ir-rikorrenti falliet ghal kollox.

**Kif diga` kellha okkazjoni tghid fi procedimenti ohra qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.**

**Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (<u>*m`ghandhiex*</u>) milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti <u>kollha</u> (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Ladarba ma rrizultax il-jedd *prima facie* din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun il-htiega li tqis ir-rekwiziti l-ohra, billi karenti mqar wiehed mir-rekwiziti, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tas-6 ta` Ottubru 2015 safejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**